



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 6.2.2007
KUMM(2007) 45 finali

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

**Dwar l-applikazzjoni ta' l-Anness X għar-Regolament tal-Persunal
(Regolament tal-Kunsill Nru 3019/1987 tal-5 ta' Ottubru 1987)
Sena 2005**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

Dwar l-applikazzjoni ta' l-Anness X għar-Regolament tal-Persunal (Regolament tal-Kunsill Nru 3019/1987 tal-5 ta' Ottubru 1987) Sena 2005

INTRODUZZJONI

Skond l-Artikolu 101a tar-Regolament tal-Persunal, l-Anness X jiddetermina, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra tar-Regolament tal-Persunal, id-dispożizzjonijiet partikolari u li jikkostitwixxu eċċezzjoni, applikabbli għall-uffiċjali li jaħdmu f'pajjiż terz.

Skond it-termini ta' l-Artikolu 14 ta' l-Anness X, "Kull sena, il-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan l-anness u, b'mod partikolari, dwar l-istipulazzjoni tar-rata ta' l-allowance għall-kundizzjonijiet ta' l-għajxien skond l-Artikolu 10".

Mill-1 ta' Jannar 1988, il-Kummissjoni ħarġet 15-il rapport. Dawn jittrattaw il-perjodi Ottubru 1987-Diċembru 1988, 1989, 1990-1991, 1992, 1993, 1994, 1995, 1996, 1997-1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004.

KAPITOLU 1: ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 1: REKLUTAĠĠ

Il-postijiet ta' Uffiċjali/Aġenti temporanji mibgħuta f'delegazzjoni¹ kienu 1,021 sal-31 ta' Diċembru 2005 (1,008 sal-31.12.2004). F'din l-istess data, kienu nħolqu 26 post ta' aġenti kuntrattwali.

Matul is-sena 2005, dawn in-numri ġew miżjuda bi:

- 3 postijiet biex jiġu allokat i fl-2005; 8 postijiet supplimentari tpoġġew għad-dispożizzjoni minn DĠ oħra.

Sal-31 ta' Diċembru 2005, 966 minn dawn il-postijiet kienu okkupati fid-delegazzjonijiet. Il-55 post battal jirrappreżentaw il-5.5% tan-numru totali meta mqabbla mal-11.11% (112-il post battal) fl-2004.

¹ Il-postijiet ta' Uffiċjali/Aġenti temporanji f'delegazzjonijiet jinqasmu hekk: a) l-allokkazzjoni formali għas-Servizz Estern (984 post fl-31.12.2005); b) is-self għal azzjonijiet speċifiċi u ad hoc; c) il-postijiet ipprovduti mid-Direttorati Ġenerali li ma jaqgħux taħt RELEX. Dawn il-postijiet jibqgħu inklużi fit-tabella skond id-DĠ tagħhom iżda huma ffinanzjati fit-totalità tagħhom jew parzjalment mill-baġit tas-Servizz Estern.

ARTIKOLU 2: MOBILITÀ

L-Eżerċizzju ta' rotazzjoni

L-eżerċizzju ta' rotazzjoni 2005 kopra 170 uffiċjal (196 fl-2004) imniżżla fil-lista ta' rotazzjoni u rriżulta f':

- 54 moviment minn delegazzjoni għall-oħra (60 fl-2004),
- 89 moviment mid-delegazzjonijiet lejn il-kwartieri ġenerali (89 fl-2004).
- 12-il terminazzjoni tas-servizz (15 fl-2004),
- 19-il uffiċjal inżammu fil-karigi tagħhom (32 fl-2004).

Il-prinċipju ta' l-alternanza fil-karigi bejn id-delegazzjonijiet u l-kwartieri ġenerali ta lok għal:

- 89 moviment mid-delegazzjonijiet lejn il-kwartieri ġenerali (89 fl-2004).
- 82 moviment mid-delegazzjonijiet lejn il-kwartieri ġenerali (94 fl-2004).

Għaldaqstant b'kollox kien hemm 237 moviment (meta mqabbla ma' 258 fl-2004) fil-qafas ta' l-eżerċizzju ta' rotazzjoni ta' l-2005.

L-Eżerċizzju ta' reallokazzjoni tal-persunal

Ġew reallokati 8 postijiet:

- Post wieħed A: mill-Indja għas-Sri Lanka (tkabbir tad-delegazzjoni)
- Post wieħed A: mir-Russja għall-Moldova.
- Post wieħed B: mir-Russja għall-Moldova.
- Post wieħed C: mill-Ġappun għas-Sri Lanka.
- Post wieħed C: mill-Gana għall-Etjopja.
- Post wieħed A: min-Nikaragwa għall-Honduras.
- Post wieħed A: min-Nikaragwa għall-El Salvador.
- Post wieħed A: mill-Mawritanja għall-Kenja (mibgħut speċjali għas-Somalja).

ARTIKOLU 3: ROTAZZJONI

Fl-2005, ittieħdu deċiżjonijiet ta' rotazzjoni għal 58 uffiċjal tas-Servizz Estern li ntabu jmorru lura fil-kwartieri ġenerali f'wieħed mid-Direttorati Ġenerali tal-familja tar-Relazzjonijiet Esterni fil-qafas tal-politika ta' rotazzjoni.

KAPITOLU 2: OBBLIGAZZJONIJIET

ARTIKOLU 4: TWETTIQ TAL-FUNZJONIJIET FIL-POST TA' L-IMPJIEG

M'hemmx kummenti xi jsiru dwar dan l-artikolu.

ARTIKOLU 5: RESIDENZA

Fl-aħħar ta' l-2005, id-DĠ Relazzjonijiet Esterni temm il-ħidma tiegħu dwar in-normi dwar ir-residenza applikabbli fil-pajjiżi terzi. Minn dak iż-żmien 'l hawn id-delegazzjonijiet kollha għandhom regolamenti dwar il-kiri ta' residenzi fil-pajjiż li jospitahom. Fl-istess ħin, ir-responsabbiltà amministrattiva kienet trasferita lejn id-delegazzjonijiet.

KAPITOLU 3: KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL

ARTIKOLI 6, 7 U 9: *LEAVE* ANNWALI

L-uffiċjali fil-post fil-pajjiżi terzi għadhom qed jagħmlu sforz biex jagħmlu użu mid-drittijiet tagħhom u jnaqqsu milli jittrasferixxu numru sinifikanti ta' ġranet ta' *leave* biex b'hekk isegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kwartieri Ġenerali. Jeħtieġ, madankollu, li jitqies li d-deċentralizzazzjoni amministrattiva, filwaqt li kienet akkumpanjata minn żieda fin-numru ta' ħaddiema, wasslet biex ikun hemm piż ta' xogħol addizzjonali li sa ċertu punt ma ppermettix lill-uffiċjali li jieħdu n-numru ta' jiem ta' *leave* li kienu jixtiequ.

It-tabella ta' hawn taħt turi li minn 912-il uffiċjal u aġent kuntrattwali, il-maġġoranza (54.84%) jieħdu anqas minn 14-il ġurnata ta' *leave* f'sena. Il-*leave* trasferit 'il quddiem ta' aktar minn 14-il ġurnata naqas bħala perċentwal meta mqabbel ma' l-eżerċizzju preċedenti (45.16% mqabbel ma' 47.12%). Dak ta' bejn 36 u 50 jum kellu żieda żgħira (5.92% mqabbel ma' 5.89%). Fir-rigward ta' *leave* trasferit 'il quddiem ta' bejn 50 u 70 ġurnata, kienet innutata żieda wkoll: 2.3% fl-2005 mqabbla ma' 3.44% fl-2004.

Sitwazzjoni fil- <i>leave</i> annwali li ġie trasferit 'il quddiem		
Numru ta' uffiċjali	<i>Leave</i> li ġie trasferit 'il quddiem 2003/2004	<i>Leave</i> li ġie trasferit 'il quddiem 2005/2006
Anqas minn 14-il ġurnata	431	500
	52,88%	54,84%
Aktar minn 14-il ġurnata	384	412
	47,12%	45,16%
Bejn 14 u 35 ġurnata	298	323
	36,56%	35,42%
Bejn 36 u 49 ġurnata	48	54
	5,89%	5,92%
Bejn 50 u 70 ġurnata	28	21
	3,44%	2,3%
Aktar minn 70 ġurnata	10	14
	1,23%	1,53%
Total ta' uffiċjali u aġenti kuntrattwali	815	912

ARTIKOLI 8 U 9 § 2: ALLOKAZZJONI EĊĊEZZJONALI TA' *LEAVE* TA' MISTRIEĦ

Il-Kummissjoni ddeċidiet, fit-28 ta' April 2004, li tittrasferixxi l-eżerċizzju tal-poteri devoluti mir-Regolament tal-Persunal għand l-awtorità li ġgħorr il-poter li tinnomina u mill-Kundizzjonijiet ta' l-Impjeg ta' l-Impjegati l-Oħra lill-awtorità awtorizzata li tikkonkludi l-kuntratti ta' ingaġġ (id-Direttur Ġenerali tad-DĠ RELEX).

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament il-ġdid tal-Persunal, b'effett mill-1 ta' Mejju 2004, l-ġhoti eċċezzjonali ta' *leave* ta' mistrieħ japplika bl-istess mod għall-aġenti kuntrattwali affettwati fil-pajjiżi terzi.

Fil-qafas ta' l-eżerċizzju annwali normali, il-Kummissjoni ddeċidiet, fit-8 ta' April 2005, li tagħti, b'mod eċċezzjonali, *leave* ta' mistrieħ għas-sena 2005 biss għal dawk il-postijiet tax-xogħol fejn il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien kienu meqjusa bħala “partikolarment diffiċli”, fuq il-bażi tal-parametri annwali użati biex tkun stipulata kull sena l-*allowance* għall-kundizzjonijiet ta' l-għajxien, u għall-postijiet li ġew iddikjarati li qegħdin f'istat ta' kriżi.

L-applikazzjoni bir-reqqa tal-kundizzjonijiet ifformulati fl-Artikolu 8 ta' l-Anness X wasslet biex dan id-dritt ingħata lil 32 post fl-2005 (ara l-Anness I) meta mqabbel ma' 30 fl-2004. Għall-postijiet f'istat ta' kriżi, id-dritt ingħata pro rata skond it-tul effettiv tal-kriżi.

KAPITOLU 4: IR-REMUNERAZZJONIJIETU L-BENEFIĊĊJI SOĊJALI

TAQSIMA 1: IS-SISTEMA FINANZJARJA U L-*ALLOWANCES* TAL-FAMILJA

ARTIKOLU 10 §1: ALLOWANCE GĦALL-KUNDIZZJONIJIET TA' L-GĦAJXIEN

Il-Kummissjoni ddeċidiet, fit-28 ta' April 2004, li tittrasferixxi l-eżerċizzju tal-poteri devoluti mir-Regolament tal-Persunal għand l-awtorità li tinnomina u mill-Kundizzjonijiet ta' l-Impjeg ta' l-Impjegati l-Oħra lill-awtorità awtorizzata li tikkonkludi l-kuntratti ta' ingaġġ (id-Direttur Ġenerali tad-DĠ RELEX).

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament il-ġdid tal-Persunal, b'effett mill-1 ta' Mejju 2004, l-*allowance* għall-kundizzjonijiet ta' l-għajxien tapplika bl-istess mod għall-aġenti kuntrattwali assenjati fil-pajjiżi terzi.

L-awtorità li tinnomina ddeċidiet, fl-20 ta' Diċembru 2004, ir-rata ta' l-*allowance* għall-kundizzjonijiet ta' l-għajxien għall-eżerċizzju ta' l-2005 hekk kif jidhru fit-tabella fl-Anness II:

- żieda waħda (minn 15 għal 20%): Il-Ġamajka.
- 2 żidiet (minn 30 għal 35%): Il-Laos u l-Pakistan.

- tnaqqis wieħed (minn 20 għal 15%): Ir-Rumanija.
- tnaqqis wieħed (minn 30 għal 25%): Il-Kap Verde;
- 2 tnaqqisiet (minn 35 għal 30%): L-Alġerija u Serbja u Montenegro (Kosovo).

Twettaq ukoll *eżerċizzju ta' nofs il-mandat* bi dħul fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2005 (deċiżjoni ta' l-awtorità li tinnomina tal-21 ta' Settembru 2005), għal dawn il-postijiet tax-xogħol li ġejjin:

- żieda waħda (minn 15 għal 20%): L-Afrika ta' Isfel.
- tnaqqis wieħed (minn 20 għal 15%): Il-Bulgarija.
- 3 tneħħijiet (minn 10 għal 0%): L-Awstralja, il-Kroazja u New Zealand (ladarba s-servizzi jikkunsidraw il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien f'dawn il-pajjiżi bħala ekwivalenti għal dawk li huma normali fil-Komunità ta' 25 membru (ara Artikolu 10, paragrafu 1, it-tieni inċiż, ta' l-Anness X tar-Regolament).

ARTIKOLU 10 §2: ALLOWANCE ADDIZZJONALI

Il-Kummissjoni ddeċidiet, fit-28 ta' April 2004, li tittrasferixxi l-eżerċizzju tal-poteri devoluti mir-Regolament tal-Persunal għand l-awtorità li tinnomina u mill-Kundizzjonijiet ta' l-Impjeg ta' l-Impjegati l-Oħra għand l-awtorità awtorizzata li tikkonkludi l-kuntratti ta' ingaġġ (id-Direttur Ġenerali tad-DĠ RELEX).

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament il-ġdid tal-Persunal, b'effett mill-1 ta' Mejju 2004, l-*allowance* addizzjonali tapplika wkoll għall-aġenti kuntrattwali assenjati fil-pajjiżi terzi.

Fl-2005, ma nġhatat l-ebda *allowance* addizzjonali. Għal dawn il-postijiet tax-xogħol li ġejjin, l-*allowance* addizzjonali ġiet imnaqqsqa:

Delegazzjoni	Data tad-Dħul fis-Seħħ	Allowance(%)	Numru ta' uffiċjali involuti
Il-Kosta ta' l-Avorju (Abidjan)	Is-7.11.2004	5	8
	Mit-8.11.2004	10	
	Mill-1.6.2005	5	

ARTIKOLI 11 U 12: MODALITAJIET TAL-ĦLAS TAS-SALARJI

Fir-rigward tal-munita tal-ħlas tas-salarji fl-2005, il-medji perċentwali fir-rigward ta' l-uffiċjali u l-aġenti kuntrattwali kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- 72% għażlu li s-salarju tagħhom jitħallas f'Euro b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 11 ta' l-Anness X għar-Regolament tal-Persunal.
- 25% talbu li parti mis-salarju tagħhom jitħallas fil-munita lokali. Fost dawn, 48% talbu r-rata massima stipulata mid-direttivi interni marbuta ma' l-Artikolu 12 ta' l-Anness X għar-Regolament tal-Persunal (80%) u l-oħrajn għażlu perċentwali bejn 7 u 78%.

- Fl-aħħar nett, 14% talbu, għal raġunijiet xierqa, li parti mis-salarju tagħhom jitħallas f'munita differenti minn dik tal-post tax-xogħol b'applikazzjoni tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 12 ta' l-Anness X għar-Regolament tal-Persunal (l-Angola, il-Ġeorġja, il-Każakastan, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-Ukrajna).

ARTIKOLU 13: KOEFFIĊJENTI KORRETTIVI

Minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament il-ġdid tal-Persunal, b'effett mill-1 ta' Mejju 2004:

- il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni japplikaw bl-istess mod għall-aġenti kuntrattwali affettwati fil-pajjiżi terzi.
- f'konformità ma' l-Artikolu 13 ta' l-Anness X tar-Regolament il-ġdid imsemmi aktar 'il fuq, il-Kunsill huwa mitlub li jistabbilixxi darba fis-sena l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikabbli fil-pajjiżi terzi.

L-Artikolu 33(4) tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri l-ġodda ħoloq bażi ġuridika li tawtorizza li jittawwal il-perjodu ta' applikazzjoni ta' l-Anness X tar-Regolament tal-Persunal (is-sistema ta' barra l-Komunità) għall-uffiċjali li jibqgħu fil-post fl-Istati Membri l-ġodda għal perjodu massimu ta' ħmistax-il xahar wara s-sħubija. Għalhekk jeħtieġ li jiġi stabbilit għal dawn l-Istati Membri l-ġodda mhux biss koeffiċjenti ta' korrezzjoni stabbiliti skond l-Anness XI tar-Regolament tal-Persunal iżda wkoll koeffiċjenti ta' korrezzjoni skond l-Anness X.

Il-Kunsill adotta, fis-27 ta' Frar 2006, ir-Regolament Nru 351/2006² li jistabbilixxi l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikabbli mill-1 ta' Lulju 2005 għar-remunerazzjonijiet ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropew affettwati fil-pajjiżi terzi.

Barra minn dan, fit-18 ta' Lulju 2005³, il-Kummissjoni approvat id-deċiżjoni dwar l-aġġustament tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikabbli mill-1 ta' Awwissu, l-1 ta' Settembru, l-1 ta' Ottubru, l-1 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2004 u, mis-16 ta' Jannar 2006⁴, u d-deċiżjoni dwar l-aġġustament tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikabbli mill-1 ta' Frar, l-1 ta' Marzu, l-1 ta' April, l-1 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2005 għar-remunerazzjonijiet ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej allokat i f'pajjiżi terzi.

Fl-2005, saret l-ewwel analiżi fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma ta' l-Art. 64 tar-Regolament tal-Persunal dwar il-possibilità ta' koordinazzjoni akbar bejn l-organi pubbliċi prinċipali attivi f'dan il-qasam, fl-ispirtu ta' titjib akbar tal-kwalità statistika tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni u konverġenza tar-riżultati ta' dawn l-organi.

² ĠU L 59 1.3.2006, p. 1.

³ ĠU L 190 22.7.2005, p. 29.

⁴ ĠU L 21 25.1.2006, p. 17.

ARTIKOLU 15: *ALLOWANCES* GĦALL-EDUKAZZJONI

L-ammont totali mħallas bħala *allowances* għall-edukazzjoni żdied għal 3.818.180,64 Euro għas-sena 2004/2005. Is-sistema ta' għoti ta' ħlas bil-quddiem għall-allokazzjonijiet għall-edukazzjoni nżammet għal dawk l-uffiċjali bi spejjeż ta' l-edukazzjoni partikolarment għolja. Dawn il-ħlasijiet bil-quddiem fis-sena skolastika 2004/2005 kienu regolarizzati fil-limiti ta' żmien previsti.

Iż-żieda ġenerali fl-ispejjeż għall-edukazzjoni f'ċertu delegazzjonijiet wasslet lill-Kummissjoni biex tawtorizza li tinqabeż ir-rata massima, partikolarment għall-Ġappun, Washington u New York.

Madankollu, dan il-qbiż tar-rata kien awtorizzat b'mod eċċezzjonali biss għat-tfal li jirċievu l-edukazzjoni tagħhom fil-post tax-xogħol, f'xi skola internazzjonali li tipprovdi diplomi Ewropej jew internazzjonali u bl-għan li tkun assicurata l-kontinwità edukattiva tagħhom. Barra minn hekk, u dejjem minħabba l-prinċipju ta' kontinwità fil-livell ta' l-istudji, 17-il uffiċjal li ġew trasferiti internament, koperti mill-anness X, ibbenefikaw ukoll minn żieda akbar mir-rata massima għas-sena skolastika 2004/2005. L-ammont totali mħallas aktar mill-ammont massimu għas-sena skolastika 2004/2005 laħaq il-181,987.43 euro.

Fl-2004/2005, il-Kummissjoni varat ukoll l-ewwel eżerċizzju ta' *allowance* għall-edukazzjoni tat-tip A. Din l-*allowance*, li tirrigwarda tfal ta' età ta' anqas minn 8 snin u li ma jattendux l-ewwel sena ta' l-iskola primarja, ġiet stabbilita skond ir-riforma amministrattiva fl-1 ta' Mejju 2004. B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 15 ta' l-Anness X, il-Kummissjoni setgħet tintervjeni parzjalment fl-ispejjeż preskolastiċi ta' l-uffiċjali affettwati f'pajjiżi terzi. 35 qbiż tal-limitu ġew mogħtija għal ammont totali ta' 79,900 Euro. Ġiet rimbursata 65 talba fil-limiti stabbiliti għal ammont totali ta' 27,042.64 Euro.

ARTIKOLU 16: L-*ALLOWANCES* TA' ISTALLAZZJONI U ISTALLAZZJONI MILL-ĠDID

L-ammont globali mħallas bħala *allowances* ta' istallazzjoni (li jikkonċernaw l-uffiċjali li jintbagħtu mill-Kwartieri Ġenerali lejn delegazzjoni jew minn delegazzjoni għal oħra) u ta' istallazzjoni mill-ġdid (li jikkonċernaw l-uffiċjali f'delegazzjoni li jtemmu b'mod definittiv il-funzjonijiet tagħhom) laħaq, fl-2005, 3,176,424.63 Euro (meta mqabbel ma' 2,440,382.86 Euro fl-2004).

Dan l-ammont kien imqassam b'dan il-mod:

– *Allowances* ta' istallazzjoni

- 2,544,183.03 Euro għall-ħlasijiet magħmulin fil-Belġju, direttament mill-PAIE.
- 346,645.77 Euro b'ordnijiet ta' ħlas separati fil-munita lokali fil-post tax-xogħol ta' l-uffiċjali b'applikazzjoni tal-parità ekonomika (bil-koeffiċjent ta' korrezzjoni u r-rata tal-kambju relatata).

– *Allowances* ta' istallazzjoni mill-ġdid

- 55,206.19 Euro għall-istallazzjonijiet mill-ġdid fil-Belġju.

- 230,389.64 Euro għall-ħlasijiet fil-munita lokali fil-pajjiż ta' istallazzjoni mill-ġdid ta' l-uffiċjali bl-applikazzjoni tal-parità ekonomika.

TAQSIMA 2: REGOLI MARBUTA MAR-RIMBORSI TA' L-ISPEJJEŻ

ARTIKOLU 17: RIMBORS TA' L-ISPEJJEŻ MAGĦMULA GĦALL-ĠARR TA' L-GĦAMARA U SPEJJEŻ MARBUTA MA' L-ISTALLAZZJONI GĦALL-UFFIĊJALI LI FL-ISTESS POST TAX-XOGĦOL M'GĦANDHOMX POST BL-GĦAMARA PPROVDUT LILHOM MILL-ISTITUZZJONI

Dan l-artikolu ma kienx applikat fl-2005.

ARTIKOLU 18: RESIDENZI TEMPORANJI

164⁵ deċiżjoni li jawtorizzaw ir-residenza temporanja ttieħdu fl-2005 (187 fl-1998, 163 fl-1999, 195 fl-2000, 184 fl-2001, 318 fl-2002, 270 fl-2003, 284 fl-2004).

ARTIKOLU 19: VETTURI TAS-SERVIZZ/ALLOKAZZJONI KILOMETRIKA

Dan l-artikolu ma kienx applikat fl-2005.

ARTIKOLU 20: SPEJJEŻ TA' L-IVVJAĠĠAR MARBUTA MAL-*LEAVE* TA' MISTRIEĦ

L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar marbuta mal-*leave* tal-mistrieħ kienu mħallsa għad-distanza inkluża bejn il-post tax-xogħol u l-post ta' mistrieħ kif determinata mill-Kummissjoni. F'każ ta' deroga għall-post tal-mistrieħ, ir-rimbors kien imħallas sal-limitu ta' din l-ispiża. L-ispejjeż li saru fl-2005 kienu ta' 700,000 Euro.

ARTIKOLU 21: RIMBORS TA' L-ISPEJJEŻ TA' TRASPORT TA' AFFARIJET PERSONALI, ĠARR U ĦAŻNA TA' L-GĦAMARA

Kien hemm 324 każ ta' ġarr fl-2004 (266 fl-1998, 237 fl-1999, 278 fl-2000, 324 fl-2001 u 358 fl-2002, 331 fl-2003, 415 fl-2004) skond ir-regoli dwar il-ġarr ta' l-affarijiet personali aġġornati fl-1997 u applikabbli mill-1998.

ARTIKOLU 23: RIMBORS TAL-KERA META L-UFFIĊJAL MA JKUNX JIBBENEFIKA MINN RESIDENZA MOGĦTIJA LILU MILL-ISTITUZZJONI

Fl-2005⁶, ġew trattati 134 każ ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 23, li minnhom 48 kienu għal uffiċjali u 86 għal aġenti kuntrattwali (10 fl-1999, 8 fl-2000, 7 fl-2001 u 31 fl-2002, 40 fl-2003, 31 fl-2004).

⁵ Fuq bażi ta' 121 tweġiba li kienu rċevuti mid-delegazzjonijiet.

⁶ Fuq bażi ta' 121 tweġiba li kienu rċevuti mid-delegazzjonijiet.

TAQSIMA 3: IS-SIGURTÀ SOĊJALI

ARTIKOLU 24 §3: RIPATRIJAZZJONI URĠENTI JEW ESTREMAMENT URĠENTI MINĦABBA RAĠUNIJIET TA' SAĦĦA

Fl-2005, kienu awtorizzat mis-Servizz Mediku 77 ripatrijazzjoni minħabba raġunijiet ta' saħħa, li minnhom 58 kienu urġenti (it-total ta' evakwazzjonijiet ta' urġenza hu ta' 75 għaliex ċertu persuni li kellhom bżonn ta' attenzjoni partikolari kienu evakwati diversi drabi) u 2 estremament urġenti.

L-ispiza annwali SOS Air Ambulance laqget is-16,905 Euro għas-sena 2005.

ARTIKOLU 25: KOPERTURA TA' L-“INĊIDENTI” TA' DAWK LI JIBBENEFIKAW MID-DRITTJIET MOGĦTIJA LIL UFFIĊJALI

Fl-2005, infetħu 5 fajls dwar “inċidenti” fil-qafas ta' l-assigurazzjoni li tkopri lil dawk li jibbenefikaw mid-drittijiet mogħtija lill-uffiċjali.

ANNEX I

KALKOLU TAD-DRITTIJET GĦAL-*LEAVE* TA' MISTRIEĦ

(Artikolu 8 ta' l-Anness X)

Data tad-dħul fis-seħħ: 1 ta' Jannar 2005

MOGĦTIJA BĦALA <i>ALLOWANCES</i> GĦALL-KUNDIZZJONIJET TAL-ĦAJJA		
Numru ta' ġranet u ta' perjodi	Post tax-xogħol	Post tal-mistrieħ
9-ijiem ta' xogħol f'massimu ta' 3 perjodi (Allowance għall-kundizzjonijiet ta' l-għajxien 12-il punt jew aktar)	L-Afganistan	Brussell (il-Belġju)
	Il-Bangladexx	Phuket (it-Tajlandja)
	Il-Liberja	Dakar (is-Senegal)
	Il-Papwa-Ginea Ġdida	Darwin (l-Awstralja)
	Ir-Rep. ta' l-Afrika Ċentrali	Libreville (il-Gabon)
	Is-Sierra Leone	Dakar (is-Senegal)
	Is-Sudan	Mombasa (il-Kenja)
	Iċ-Ċad	Dakar (is-Senegal)
6-ijiem ta' xogħol f'massimu ta' 2 perjodi (Allowance għall-kundizzjonijiet ta' l-għajxien = 11 punti)	L-Angola	Windhoek (in-Namibja)
	L-Armenja	Vjenna (l-Awstrija)
	Il-Burundi	Mombasa (il-Kenja)
	Il-Kongo	Libreville (il-Gabon)
	Il-Ġeorġja	Vjenna (l-Awstrija)
	Il-Ginea	Dakar (is-Senegal)
	Il-Mawritanja	Casablanca (il-Marokk)
	In-Niġer	Libreville (il-Gabon)
	Il-Pakistan	Delhi (l-Indja)
	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	Libreville (il-Gabon)
3-ijiem ta' xogħol f'massimu ta' 2 perjodi (Allowance għall-kundizzjonijiet ta' l-għajxien = 10 punti)	Il-Kamerun	Mombasa (il-Kenja)
	Il-Kosta ta' l-Avorju	Dakar (is-Senegal)
	Il-Ginea-Bissaw	Dakar (is-Senegal)
	Il-Gujana	Cayenne (Guyana Franċiża)
	Il-Haiti	S. Domingo (Rep. Dominikana)
	Il-Gżejjer Solomon	Brisbane (l-Awstralja)
	Il-Każakistan	Frankfurt (il-Ġermanja)
	Il-Kirgiztan	Frankfurt (il-Ġermanja)
	Il-Laos	Phuket (it-Tajlandja)
	In-Niġerja	Libreville (il-Gabon)
	Ir-Rwanda	Mombasa (il-Kenja)
	It-Tagikistan	Frankfurt (il-Ġermanja)
	It-Togo	Libreville (il-Gabon)
	Il-Jemen	Dubai (l-Emirati Għarab Magħquda)
MOGĦTIJA F'KAŻ TA' KRIŻI 2004		
Numru ta' ġranet u ta' perjodi	Post tax-xogħol	Post tal-mistrieħ
9-ijiem ta' xogħol f'massimu ta' 3 perjodi	Is-Serbja u Montenegro (Pristina) (Kundizzjonijiet ta' l-għajxien = 8 punti, <u>Kriżi = 12-il xahar fl- 2004</u>)	Vjenna (l-Awstrija)
3-ijiem ta' xogħol f'massimu ta' 2 perjodi	L-Għarabja Sawdija (Kundizzjonijiet ta' l-għajxien = 7 punti, <u>Kriżi = 5,5 xhur fl- 2004</u>)	Dubai (l-Emirati Għarab Magħquda)

L-ANNESS II

LISTA TAL-POSTIJIET TAX-XOGĦOLU TAL-PERĊENTWALI TA' *ALLOWANCE* GĦALL-KUNDIZZJONIJIET TA' L-GĦAJXIEN

(Artikolu 10 ta' l-Anness X)

Data tad-dħul fis-seħħ: 1 ta' Jannar 2005

40%	35%	30%	25%	20%	15%	10%	L-ebda allokazzjoni
L-Afganistan	L-Angola	L-Albanija	L-Għarabja Sawdita	l-ex-Rep. Jugożlava tal- Maċedonja	L-Afrika ta' Isfel	L-Awstralja	Il-Kanada
Il-Bangladexx	L-Armenja	L-Alġerija	Il-Benin	Il-Bożnia u Herżegovina	L-Arġentina	Il-Barbados	L-Istati Uniti (New York)
Il-Liberja	Il-Burundi	Il-Burkina Faso	Il-Bolivja	Il-Bulgarija	Il-Botswana	Il-Brażil	L-Istati Uniti (Washington)
Il-Papwa- Ginea Ġdida	Il-Kamerun	Il-Kamboġja	Il-Kap Verde	Il-Korea ta' Isfel	Iċ-Ċili	Il-Kroazja	In-Norveġja
Ir-Rep. ta' l-Afrika Ċentrali	Il-Kongo	Il-Ġibuti	Iċ-Ċina (Beijing)	Kuba	Iċ-Ċina (Hong Kong)	Il-Marokk	L-Iżvizzera
Is-Sierra Leone	Il-Kosta ta' l-Avorju	L-Etjopja	Ix-Xatt tal-Punent – il-Medda ta' Gaza	Il-Gabon	Il-Kosta Rica	Il-Mawrizju	
Is-Sudan	Il-Ġeorgja	L-Indja	Il-Kolombja	L-Iżrael	El Salvador	In-Namibja	
Iċ-Ċad	Il-Ginea	L-Indoneżja	L-Eġittu	Il-Ġamajka	Il-Honduras	New Zealand	
	Il-Ginea-Bissaw	Il-Mali	L-Ekwador	Il-Lesoto	Il-Ġappun (Tokjo)	Ir-Repubblika Dominikana	
	Il-Gujana	Il-Możambik	L-Eritrea	Il-Malażja	Il-Ġordan	Trinidad u Tobago	
	Il-Haiti	Il-Nepal	Il-Gambja	Il-Messiku	Il-Libanu	It-Tuniżija	
	Il-Gżejjer Solomon	Is-Serbja u l-Montengro (Pristina)	Il-Gana	Is-Serbja u l-Montengro (Belgrad)	New Caledonia	L-Urugwaj	
	Il-Kazakastan	Is-Sri Lanka	Il-Gwatemala	Is-Swaziland	Il-Paragwaj		
	Il-Kirgiztan	It-Tanzanja	Il-Gżejjer Fiġi	Is-Sirja	Ir-Rumanija		
	Il-Laos	Il-Vjetnam	Il-Ġappun (Naka)	It-Tajlandja	Is-Senegal		
	Il-Mawritanja	Iż-Żambja	Il-Kenja	Il-Vanwatu	Singapor		
	In-Niġer		Il-Madagaskar	Żimbabwe	It-Tajwan		
	In-Niġerja		Il-Malawi		It-Turkija		
	Il-Pakistan		In-Nikaragwa				
	Ir-Rep. Dem. tal-Kongo		L-Uganda				
	Ir-Rwanda		Il-Perù				
	Taġikistan		Il-Filippini				
	It-Togo		Ir-Russja				
	Il-Jemen		Is-Surinam				
			L-Ukrajna				
			Il-Veneżwela				

ANNEX III

LISTA TAL-POSTIJIET TAX-XOGĦOL U TAL-PERĊENTWALI TA' *ALLOWANCE* GĦALL-KUNDIZZJONIJIET TA' L-GĦAJXIEN

(Artikolu 10 ta' l-Anness X)

Data tad-dħul fis-seħħ: 1 ta' Lulju 2005

40%	35%	30%	25%	20%	15%	10%	L-ebda allokazzjoni
L-Afganistan	L-Angola	L-Alġerija	L-Għarabja Sawdija	L-Afrika ta' Isfel *	L-Arġentina	Il-Barbados	L-Awstralja *
Il-Bangladexx	L-Armenja	L-Albanija	Il-Benin	l-ex-Rep. Jugożlava tal- Maċedonja	Il-Botswana	Il-Brażil	Il-Kanada
Il-Liberja	Il-Burundi	Il-Burkina Faso	Il-Bolivja	Il-Bożnja u l- Herżegovina	Il-Bulgarija *	Il-Marokk	Il-Kroazja *
Il-Papwa- Ginea Ġdida	Il-Kamerun	Il-Kamboġja	Il-Kap Verde	Il-Korea ta' Isfel	Iċ-Ċili	Il-Mawrizju	L-Istati Uniti (New York)
Ir-Rep. ta' l-Afrika Ċentrali	Il-Kongo	Il-Ġibuti	Iċ-Ċina (Beijing)	Kuba	Iċ-Ċina (Hong Kong)	In-Namibja	L-Istati Uniti (Washington)
Is-Sierra Leone	Il-Kosta ta' l-Avorju	L-Etjopja	Ix-Xatt tal-Punent – il-Medda ta' Gaza	Il-Gabon	Il-Kosta Rica	Ir-Repubblika Dominikana	In-Norveġja
Is-Sudan	Il-Ġeorġja	L-Indja	Il-Kolombja	L-Iżrael	El Salvador	Trinidad u Tobago	New Zealand *
Iċ-Ċad	Il-Ginea	L-Indoneżja	L-Eġittu	Il-Ġamajka	Il-Honduras	It-Tunizija	L-Iżvizzera
	Il-Ginea-Bissaw	Il-Mali	L-Ekwador	Il-Lesoto	Il-Ġappun (Tokjo)	L-Urugwaj	
	Il-Gujana	Il-Możambik	L-Eritrea	Il-Malażja	Il-Ġordan		
	Il-Haiti	Il-Nepal	Il-Gambja	Il-Messiku	Il-Libanu		
	Il-Gżejjer Solomon	Is-Serbja u l-Montengro (Pristina)	Il-Gana	Is-Serbja u l-Montengro (Belgrad)	New Caledonia		
	Il-Kazakistan (Almaty)	Is-Sri Lanka	Il-Gwatemala	Is-Swaziland	Il-Paragwaj		
	Il-Kirgiztan	It-Tanzanja	Il-Gżejjer Figi	Is-Sirja	Ir-Rumanija		
	Il-Laos	Il-Vjetnam	Il-Ġappun (Naka)	It-Tajlandja	Is-Senegal		
	Il-Mawritanja	Iż-Żambja	Il-Kenja	Il-Vanwatu	Singapor		
	In-Niġer		Il-Madagaskar	Żimbabwe	It-Tajwan		
	In-Niġerja		Il-Malawi		It-Turkija		
	Il-Pakistan		In-Nikaragwa				
	Ir-Rep. Dem. tal-Kongo		L-Uganda				
	Ir-Rwanda		Il-Perù				
	Taġikistan		Il-Filippini				
	It-Togo		Ir-Russja				
	Il-Jemen		Is-Surinam				
			L-Ukrajna				
			Il-Venezwela				

* Xi uffċjali li baqgħu fil-post fl-Istati Membri l-ġodda jgawdu mill-*allowance* għall-kundizzjonijiet ta' l-għajxien stipulata qabel is-shubja għal perjodu ta' tranżizzjoni massimu ta' 15-il xahar li jibda mill-1 ta' Mejju 2004.